**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Vs**

**Ludvic Camilleri**

Kump Nru: 239/2018

Illum 11 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ludvic Camilleri ta' 42 sena, bin Anthony u Rita nee' Mifsud, imwieled Pieta', fis-17 ta' Marzu1976 u residenti 382, Manor court, Blk F, Flat 3 Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 167476(M).

Akkuzat talli nhar it-08 ta' Mejju 2018, għall-ħabta tal-16.00 ta' filgħaxija ġewwa Manor Court, Flat 8A, Triq il-Maskli, San Pawl il-Baħar

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq aggravat bil-mezz u l-lok, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma

ġiex segwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu;

2. U aktar talli nhar id-09 ta' Mejju 2018, f'ħinijet differenti ġewwa Ħal Qormi,

3. Ikkommettejt serq (ta' speaker) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' mhux iżjed min €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Philip Mallia u/jew persuni oħra;

4. Ikkommettejt serq (ta' vettura Subaru E10, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 815) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' iżjed min €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Anton Debono u/jew persuni oħra;

5. Ikkommetta serq li hu meqjus sempliċi, għad-dannu ta' Noel Galea u/jew persuni oħra;

6. Ikkommettejt serq (ta' vettura Peugeot Partner 170C, bin-numru ta' reġistrazzjoni HBL 139) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' iżjed min €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Sebastian Grima u/jew persuni oħra;

7. U aktar talli fl-istess lok, ħinijiet u ċirkostanzi, soqt l-imsemmija vetturi u ċioe' Subaru E10, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 815, u vettura Peugeot Partner 170C, bin-numru ta' reġistrazzjoni HBL 139 mingħajr il-kunsens tas-sidin, u ċioe Anton Debono u Sebastian Grima;

Barra minn dan, l-imputat Ludvic Camilleri huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu hekk kif tressaq mal-ewwel seduta u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat il-pre-sentencing report.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi din il-Qorti se tapplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u dan billi tqis li huwa applikabbli ghall-kaz inkwistjoni. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Attard Portughes** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li rriteniet:

*"Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe', (1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi; (2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;*
*(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.*

*Fuq kollox:*

***"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[1]"***

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali li mhiex wahda netta. L-imputat li ghandu l-vizzju tad-droga sa mill-ewwel seduta wera l-intenzjoni li ried jeghleb il-vizzju li hakmu. Infatti talab li jinzamm id-DDU sabiex jibda t-triq li thejjih

[1] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

ghal-programm ta' rijabilitazzjoni. Infatti issa gie kkonfermat li l-imputat beda programm residenzjali. L-ufficjal tal-probation irrakkomanda li l-imputat jinghata sentenza fil-komunita'. Din il-Qorti taqbel ma' tali rakkomandazzjoni u tqis li ghandha taghti dan ic-cans lill-imputat u ghalhekk se tpoggih taht ordni ta' probation kif ukoll se tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(g), 263, 267, 269, 271(g), 279, 280 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoi ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijeit kollha migjuba fil-konfront izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. L-imputat ghadu kompli jsegwi l-programm residenjali sabiex jeghleb il-vizju tad-droga.

Inoltre' bl-applikazzjon tal-Art 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn sabiex jeghleb il-vizju tad-droga.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza

Tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**